# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 22 ta’ Jannar 2001**

**Avviz. numru 1161/00**

**Numru 36**

**Gaetano Cilia**

**vs**

**Joseph Ciscaldi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ mitejn sitta u sebghin lira (Lm276) ta’ kera tal-fond kummercjali “San Gaetano”, St Anthony Street, Marsa bir-rata ta’ tlett liri kuljum dovuta bit-tlett xhur bil-quddiem ghall-perijodu 7 ta’ Lulju 2000 sas-6 ta’ Ottubru 2000 (z-zewg granet inklussivament) a termini tal-iskrittura ta’ lokazzjoni tas-17 ta’ Mejju 1999.

Bl-imghax tat-8% fuq din is-somma sad-data tal-eventwali pagament u bl-ispejjes tal-kawza. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm276.00,0 bl-imghax tat-8% mill-1 ta' Settembru 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg